C/2024/1291

2.2.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11326 — MSC / GIP III / ITALO)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/1291)

1. Fl-24 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— SAS Shipping Agencies Services S.à.r.l. ("SAS Lux", il-Lussemburgu), kkontrollata minn MSC Mediterranean Shipping Company Holding SA ("MSC Group"),

— GIP III Global Investments S.à r.l. ("GIP III", il-Lussemburgu), kkontrollata minn Global Infrastructure Management, LLC,

— Italo – Nuovo Trasporto Viaggiatori S.p.A. ("Italo", l-Italja), attwalment ikkontrollata minn GIP III.

SAS Lux u GIP III jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Italo.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— SAS Lux hija kumpanija holding li tappartjeni għall-MSC Group, li hija attiva f'servizzi ta' trasport bil-baħar ta' kontejners, kruċieri oċeaniċi, servizzi ta' trasport marittimu ta' passiġġieri, servizzi ta' operaturi turistiċi u servizzi ta' aġenziji tal-ivvjaġġar,

— GIP III huwa investitur globali tal-infrastruttura fis-setturi tal-enerġija, tat-trasport, diġitali, tal-ilma u tal-iskart.

3. L-attivitajiet kummerċjali ta' Italo huma dawn li ġejjin: it-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija ta' veloċità għolja, kif ukoll is-servizzi kummerċjali tal-karozzi tal-linja fuq distanzi twal, fl-Italja.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11326 — MSC / GIP III / ITALO

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Inti ġentilment mitlub li tuża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz tal-posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").